

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

12788/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0265 (NLE)

UD 193
COEST 682
WTO 177

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward l-aġġornament tal-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) ta' dak il-Ftehim

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit
mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u
l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda,
u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward l-aġġornament tal-Anness XV
(Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) ta' dak il-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim”) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Skont l-Artikolu 465(2) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddelega lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni kwalunkwe waħda mis-setgħat, inkluża s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti.
- (3) Bid-Deċiżjoni Nru 3/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni², il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ddelega lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ is-setgħa li jaġġorna jew jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness XV tal-Ftehim.

¹ ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

² Id-Deċiżjoni Nru 3/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE – Ukrajna tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar id-delega ta' ċerti setgħat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ [2015/980] (ĠU L 158, 24.6.2015, p. 4).

- (4) Waqt il-laqgħa li jmiss tiegħu, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandu jadotta deċiżjoni dwar l-aġġornament tal-Anness XV tal-Ftehim.
- (5) Meta jitqies li diversi atti tal-Unjoni elenkati fl-Anness XV tal-Ftehim ġew emendati jew imħassra sa mill-konklużjoni tan-negozjati tal-Ftehim, huwa neċessarju li dak l-Anness jiġi aġġornat, inkluż billi jiġu aġġustati ċerti skadenzi biex jitqies il-progress li diġà sar s'issa mill-Ukrajna fil-proċess ta' approssimazzjoni mal-acquis tal-Unjoni.
- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, billi d-deċiżjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fil-laqgħa li jmiss tiegħu, rigward l-aġġornament tal-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) ta' dak il-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ imsemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President